MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 1393/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**ABDULLAH NURY A. ABUHAJAR**
**SUE ELLEN HILI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdullah Nury A. Abuhajar, detentur tal-karta tal-identita` numru 35374A, u l-imsemmija Sue Ellen Hili, detentrici tal-karta tal-identita` numru 191182M.

**Akkuzati talli:**

Nhar it-12 ta` Dicembru 2011, bejn is-saghtejn ta` filghodu u t-tlieta u nofs ta` filghodu, gewwa San Giljan u f'dawn il-gzejjer:

Volontarjament kisru l-bon-ordni njew il-kwiet tal-publiku u dan bi ksur ta` Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli-fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur ta` Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi ingurjaw, jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta` Ufficjali tal-Pulizija ta` Malta, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz u dan bi ksur ta` Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra Ufficjali tal-Pulizija ta` Malta, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan bi ksur ta` Artikolu 96 tal-Kapitolu 9.

Lil Abdullah Nury A. Abuhajar wahdu:

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe` vettura numru GVP-502 ta' l-ghamla Ford ghad-detriment tal-Gvern ta` Malta, liema hsara ma taqbisx l-elf mija u

erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur ta` Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 338 (dd), 338 (ee), 95 (1), 96, 325 (b), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 Tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-ammissjoni registrata mill-imputati fis-seduta tat-18 ta` Jannar 2012 din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ohra hlief li ssib liz-zewg imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom. Din il-konkluzzjoni hija konfortata mix-xhieda ta` l-iSpettur Luke Bonello mismugha minn din il-Qorti. It-trattazzjoni li saret f'din il-kawza ma nstabietx fl-atti ta` dan il-process.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza kif ukoll:

1. L-istqarrijiet maghmula mill-imputat;

2. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

3. Il-fedina penali taz-zewg imputati;

Temmen illi piena karcerarja ma tghoddx fil-konfront ta` dawn iz-zewg imputati u ghalhekk tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jkommettux reat iehor ghal zmien sitt (6)

xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 (4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll tqiedu lil Abdullah Nury A. Abuhajar taht Probation Order ghall-perjodu ta` sena taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Nygaard a tenur tal-Artikolu 22 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------